MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 504/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Stella Attard)**
**Vs**
**Jonathan Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 459779M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta’ Marzu 2011 ghall-habta tas-1.45 p.m. fi Triq il-Labour, Rahal Gdid
1. saq vettura numru GAN-838 b’manjiera traskurata;
2. saq vettura numru GAN-838 b’manjiera perikoluza;
3. waqt li kien qed isuq vettura numru GAN-838 naqas li jezercita l-kura u attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tieghu b’sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vettura ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Ottubru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u MVR Section 75 L.S 65.11 sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn ordnat l-iskwalifika ta' l-appellant milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti, senjatament is-sospenzjoni tal-licenzja ghall-perjodu ta' tlett xhur, hija, bid-dovut rispett, eccessiva u ma tiehux kont tac-cirkostanzi tal-appellant.

Illi l-appellant huwa impjegat bhala tow truck driver mas-socjeta' Mile-end Services Ltd, komunement maghrufa bhala "MET" u din is-soojeta' ghandha l-attivita', inter alia, fi irmunkar tal-vetturi tal-klijenti taghha meta jkun hemm il-bzonn. Illi di fatti, l-appellant huwa propju dan xogholu u jkun regolarment qieghed isuq it-trukk tas-socjeta msemmija biex ikun jista' jaqdi l-klijenti ta' l-istess;

Illi bid-dovut rispett, l-appellant jissottometti illi l-effetti tas-sospensjoni tal-licenzja fuq l-imputat huma ferm aktar gravi fuq l-appellant milli kieku din l-istess sospensjoni kellha tkun moghtija lil persuna ohra u dan ghaliex huwa

propju tramite din il-licenzja tas-sewqan illi l-appellant jaqla’ l-hobza tieghu ta’ kuljum.

Illi b’hekk, l-effetti tas-sospensjoni tal-licenzja de quo huma ferm aktar gravi fil-kaz in
dizamina milli dak li trid il-ligi u dan minhabba l-fatt illi s-sospensjoni tal-licenzja tista anke twassal ghal nuqqas serju fl-introjtu ta’ l-appellant u tal-familja tieghu.

Illi jigi sottomess ukoll illi l-Qorti m’hijiex prekluza milli tapplika d-dispost ta’ l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ghar-rigward tal-akkuzi de quo u b’hekk il-Qorti qeghda umilment tintalab sabiex tapplika dan icd-dispost tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta’ l-appellant.

Rat l-affidavit ta’ PS 337 Mark Mercieca a fol 2. Skont dan l-affidavit il-vettura bdiet tbiddel il-karreġġjati bi speed qawwi u mingħajr użu ta’ dawl li jindikaw l-intenzjoni tax-xufier. Beda jsuq ukoll fid-direzzjoni ta’ vettura oħra ta’ lewn griż u meta beda jiġi quddiemha beda jieqaf f’daqqa sabiex jipprova jwaqqafha. B’dawn il-manuvri, is-sewwieq beda jpoġġi ħafna sewwieqa f’diffikolta’ għaliex f’dak il-post partikolari u f’dak il-ħin partikolari kien hemm ħafna vettujri għaddejin minn dik it-triq. Meta x-xufier ta; Fiat Punto irnexxielu jwaqqaf il-vettura l-oħra billi għalaqlu l-karreġġjata tiegħu, niżel mill-vettura tiegħu u mar fuq ix-xufier l-ieħor imma meta wasal mal-vettura l-oħra dan reġa’ lura għall-vettura tiegħu u telaq minn fuq il-post b’veloċita’ qawwija. L-appellant kien amr l-għassa wara li bagħtu għalih il-Pulizija. L-appellant kien qal li l-vettura l-oħra kienet biddlet il-karreġġjata tagħha qabel u tleffitu mill-via tiegħu u b’hekk ħawditu u ried jieħu soddisfazzjon. Jonathan Grech kien ammetta li kien żbalja u skuża ruħu.

Matul is-seduta ma nstemgħux xhieda oħra għaliex l-appell huwa limitat għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan.

Il-Qorti tifhem li dak li jkun ikollu bżonn li l-liċenzja ma tkunx sospiża minħabba li jkun jaħdem bħala xufier.

Biss l-artikolu 15(2) tal-Kap 65 huwa ċar ħafna dwar min jinstab ħati li saq b'anjiera perikoluża jew traskurata. Il-Qorti bilfors trid ('shall' 'għandha') tissospendi l-liċenzja tas-sewqan. Għalhekk il-Qorti hija marbuta li, barra li timponi l-multa, trid ukoll tissospendi l-liċenzja tas-sewqan. M'hemm xejn fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Miċ-ċirkostanzi m'hemm ebda raġuni għala għandu jkun applikat l-artikolu 21 tal-Kap 9 u lanqas ma tista' l-Qorti tillimita s-sospensjoni għas-sewqan ta' karozza privata biss kif intlab mid-difiża waqt it-trattazzjoni.

Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-23 t'Ottubru 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------